MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 277/2010

Alfred Stivala u Alex Borg Cardona
vs
Joseph Aquilina u Myriam Aquilina

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi permezz ta’ ittra ufficjali Alfred Stivala u Alex Borg Cardona intimaw lil Joseph Aquilina u Myriam Aquilina biex ihallsuhom is-somma ta’ tlieta u sebghin elf mitejn u tmienja u disghin Ewro u erbghin centezmu, liema ittra ufficcjali saret *ai termini* ta’ l-artikolu 256 tal-Kap 12 u dan biex il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 12 ta’ Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini, kopja giet annessa mar-rikors u mmarkata DOK JA 1 jigi rez esegwibbli.

Illi l-intimati Stivala u Borg Cardona qed jibbazaw il-pretenzjoni taghhom kontra Aquilina, a bazi tal-garanzija

personali li nghatat minn Aquilina a favur kreditur tas-socjeta` Stivala Distributors Limited u dan bhala garanzija tal-hlas ta' debitu dovut mill-istess Stivala Distributors Limited.

Illi l-intimati Stivala u Borg Cardona gew surrogati fid-drittijiet tal-kreditur ta' Stivala Distributors Limited u dan f'somma ta' flus li huwa ferm inqas minn dak li ghalih Aquilina taw il-garanzija taghhom.

Illi Stivala Distributors Limited giet xolta b'mod definittiv u l-isem taghha gie *struck-off* mir-registru tal-kumpaniji nhar id-19 ta' Dicembru, 2008 u dan skond ma jirrizulta mid-dokument anness mar-rikors u mmarkat DOK JA 2.

Illi per konsegwenza, id-drittijiet li fihom gew surrogati l-intimati Stivala u Borg Cardona fil-konfront ta' Stivala Distributors Limited m'ghadhomx in ezistenza *stante* li d-debitur principali m'ghadux in ezitenza wara li sar *striking off* mir-registru tal-kumpaniji.

Illi l-garanzija hija obbligazzjoni sussidjarja ghall-obbligazzjoni inkorsa mid-debitur principali tant illi l-artiklu 1925 tal-Kodici Civili jipprovdi "Il-garanzija hija kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."

Illi fil-kaz odjern id-debitur principali u cioe` Stivala Distributors Limited, m'ghadux in ezistenza konsegwentement, u ghalhekk, galadarba ma hemm ebda debitur principali li ghalih irid jaghmel tajjeb il-garanti, ma hemm ebda obbligazzjoni da parti ta' persuna li kien ta garanzija a favur kreditur ta' debitur li m'ghadux jezisti.

Illi di piu` l-artiklu 1942 tal-Kodici Civili jipprovdi li "Il-garanti li jkun hallas, ghandu l-jedd idur kontra d-debitur principali, sew jekk il-garanzija tkun inghatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun inghatat minghajr dan ma kien jaf."

Illi ghalhekk, galadarba d-debitur principali m'ghadux in ezistenza, il-garanti tilef dan id-dritt moghti lilu mil-ligi f'kaz li huwa jigi mgieghel ihallas liema fatt isostni t-tezi li galadarba d-debitur principali m'ghadux in ezistenza, allura jsegwi li l-garanzija m'ghadiex torbot lill-persuna li tkun tat garanzija.

Illi ghalhekk, Aquilina ma fadlilhom ebda obbligazzjoni a bazi tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu citat aktar 'il fuq qed jippretendu l-intimati Stivala u Borg Cardona *stante* li l-garanzija m'ghadhiex tinkombi lil Aquilina.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbu li filwaqt li jaghmlu riferenza ghal dak premess, jitolbu li din il-Qorti tiddikkjara li l-ittra ufficjali intavolata fl-10 ta' Marzu, 2010 ma tistax trendi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Gunju, 1998 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini ezegwibbli *ai termini* ta' l-artikolu 256 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li tali obbligazzjoni ta garanzija m'ghadhiex tinkombi lil Aquilina u dan ghar-ragunijiet hawn infraskritti u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti ezebiti minn Aquilina.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Alfred Stivala u Alex Borg Cardona li biha eccepew illi:

1. Ir-rikorrenti qeghdin, permezz tar-rikors taghhom, jitolbu, presumibbilment a tenur tal-Artikolu 272 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li din il-Qorti tiddikjara 'Illi l-ittra ufficjali numru 680/2010 intavolata fl-10 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet premessi tirrendi l-kuntratt datat 12 ta' Gunju, 1998 ezegwibbli a tenur ta' l-Artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. 'JA1' anness mar-rikors promotur).

2. Jidher illi l-argument avvanzat mir-rikorrenti huwa li ladarba s-socjeta` kummercjali Stivala Distributors Limited (C-13341) giet, nel frattemp, likwidata, allura, l-garanzija

moghtija fl-att ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fuq riferit giet estinta.

3. Permezz ta’ att pubbliku datat 15 ta’ Dicembru, 2000 in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona hallsu flimkien is-somma ta’ LM70,000, (€163,056.14) sabiex b’hekk gew surrogati fid-drittijiet tal-kreditur skont kif dikjarat fl-istess att. Jirrizulta wkoll illi kien baqa’ LM10,000, ossia (€23,293.74) li kellhom ukoll jithallsu minn Alfred Stivala u Alex Borg Cardona lil dawk il-kredituri (Dok. ‘A1’). Minkejja li Alfred Stivala u Alex Borg Cardona gew surrogati fl-ammont fuq indikat, fl-ittra ufficjali taghhom interpellaw lir-rikorrenti biex ihallsu biss terz ta’ dan l-ammont, flimkien mal-imghax skond il-ligi u dan in lineja wkoll ma’ decizjonijiet li ttiehdu waqt diversi laqghat generali tal-kumpannija (kopja tal-minuti gew annessi, kif aktar isfel indikat).

4. Ir-ragunijiet moghtija fir-rikors promotur in sostenn tat-tezi tar-rikorrenti, huma li, gjaladarba s-socjeta` Stivala Distributors Limited giet likwidata, allura l-garanzija moghtija m’ghadhiex aktar ezigibbli. Isegwi wkoll ma’ dan l-argument illi s-surroga fuq imsemmija ma ghandhiex izjed effett. Jidher illi dan l-argument jinsab imsejjes fuq l-Artikolu 1942 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe`, fejn il-ligi titkellem fuq il-jedd ta’ regress li ghandu garanti kontra d-debitur principali f’kaz li dan ihallas. Ir-rikorrenti jargumentaw illi peress li issa huma tilfu dan il-jedd, allura l-garanzija minnhom moghtija m’ghadhiex tghodd.

5. Fl-umili fehma ta’ Alfred Stivala u Alex Borg Cardona, dan l-argument huwa ghal kollox insostenibbli. Fl-ewwel lok, l-Artikolu 1935 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jittratta l-beneficcju ta’ l-eskussjoni, jipprovdi ‘Illi tali beneficcju ma hux moghti lill-garanti *in solidum* (Artikolu 1935 (b)) u lanqas ma hu moghti f’kaz illi d-debitur isir insolvibbli (Artikolu 1935 (d)). Minn hawn gja’ jidher illi l-garanti *in solidum* jissussisti separatament mid-debitur principali. Id-debitur principali jista’ jghib mill-pajjiz, ifalli, jew igarrab xi disgrazzja ohra; dan ma jfissirx li l-garanti jinheles mill-obbligi tieghu.

6. Ir-rikorrenti kellhom kull opportunita` li jagixxu kontra s-socjeta` Stivala Distributors Limited meta din kienet fi stat finanzjarju hazin u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 1948 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Difatti, kellhom ikunu Alfred Stivala u Alex Borg Cardona li hargu minn buthom l-ammonti hawn fuq imsemmija sabiex Stivala Distributors Limited tkun tista’ tigi likwidata u d-debituri mhallsa. Ma hemmx l-icken dubju ‘Illi r-rikorrenti kienu konsapevoli tal-qaghda finanzjarja tas-socjeta` Stivala Distributors Limieted. Ir-rikorrenti Joseph Aquilina kien direttur manigerjali taghha sa Ottubru 1998 u kien proprju l-mod kif kienet gestita minn Joseph Aquilina li wasslet lill-istess socjeta` kummercjali fl-istat li din sabet ruhha fih. L-atteggjament ostili, jekk mhux addirittura illegali, li r-rikorrent Joseph Aquilina wera versu Alfred Stivala u Alex Borg Cardona wara l-1998 ssokta anke meta d-diretturi l-ohra ta’ Stivala Distributors Limited ddecidew illi jillikwidawha sabiex b’hekk ma jibqghax jizdied il-piz finanzjarju li wassal lill-istess socjeta` ghall-istat li sabet ruhha fih. Dan jixduh is-segwenti dokumenti li gew annessi mar-rikors, u cioe’ wahda mill-ewwel ufficjali mibghuta lir-rikorrenti Joseph Aquilina (Dok. ‘A2’); ittra ufficjali mibghuta minn wiehed mill-kredituri tas-socjeta` Stivala Distributors Limited (Dok. ‘A3’); ittra bonarja mibghuta lil Joseph Aquilina (Dok. ‘A4’); kopja tal-minuti tal-laqgha li saret fil-25 ta’ Ottubru, 1999 (Dok. ‘A5’); kopja tal-minuti tal-laqgha li saret fis-17 ta’ Dicembru, 1999 (Dok. ‘A6’); kopja tal-minuti tal-laqgha li saret fit-8 ta’ Frar, 2000 (Dok. ‘A7’); kopja tal-minuti tal-laqgha li saret fit-2 ta’ Mejju, 2000 (Dok. ‘A8’); kopja tal-minuti tal-laqgha li saret fit-22 ta’ Awissu, 2003 (Dok. ‘A9’)

7. Dan kollu qieghed jinghad sabiex jigu stabbiliti kjarament zewg fatti, u cioe`: (1) li s-socjeta` Stivala Distributors Limited kellha bilfors tigi likwidata u d-danni minimizzati; u (2) ir-rikorrenti kienu jafu b’dak kollu ‘Illi kien qieghed jigri. Dan qieghed jinghad in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 1959 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-Artikolu jikkontradixxi ghal kollox it-tezi tar-rikorrenti billi jipprovdi li l-garanti ma jistghax igib bhala skuzanti l-fatt illi, jekk ihallas, huwa ma jkunx jista’ jdur kontra d-debitur principali *stante* li dan kien kumpanija li

giet likwidata. Dan kollu huwa applikabbli, *purche`* it-telf ta' xi jeddijiet li kellu l-garanti li jkun hallas, ma jkunx attribwibbli lill-kreditur.

Ghaldaqstant, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona talbu li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif kontenuti fir-rikors taghhom datat 25 ta' Marzu, 2010.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti minn Alfred Stivala u Alex Borg Cardona.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Aquilina fejn semma li kien azzjonist u direttur fil-kumpanija Stivala Distributors Limited liema kumpanija kellha, fost l-ohrajn, agenzija tal-kumpanija Simmonds Farsons Cisk p.l.c. Id-ditta Simmonds Farsons Cisk p.l.c. peress li kien hemm debiti li kienu dovuti minn Stivala Distributors Limited lill-istess Simmonds Farsons Cisk riduhom jaghmlu kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kif ukoll li jinghataw garanziji personali. Illi sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ghall-ammont ta' Lm350,000 fl-Atti tan-Nutar Mark Coppini. Bhala debitur principali kien hemm Stivala Distributors Limited, li giet likwidata u xolta b'mod komplet, u bhala garanti kien hemm Stivala Wines and Spirits Limited, li llum hija wkoll xolta u likwidata b'mod komplet, kif ukoll inghatat il-garanzija personali tieghu flimkien mal-mara tieghu.

Il-kumpanija Stivala Distributors Limited fis-sena 2000, bieghet propjeta' lil Trident Developments Limited li permezz ta' dan il-bejgh thallsu Lm190,000 lil Simmonds Farsons Cisk p.l.c. Ilmenta dwar xi proceduri li fil-fehma tieghu ma kienux korretti.

Gie prezentat affidavit ta' Alfred Stivala fejn semma li hu flimkien ma' Alex Borg Cardona u Joseph Aquilina kienu ffurmaw kumpannija jisimha Stivala Wines and Spirits Limited. Din il-kumpannija kienet tixtri u tbigh *wines and spirits* lill-lokal. Xi zmien wara huma kienu ffurmaw kumpannija ohra jisimha Stivala Distributors Limited li kienet tiehu hsieb id-distribuzzjoni tal-prodotti ta' Farsons.

Lil Joseph Aquilina kienu fdawlu t-tmexxija ta’ din il-kumpannija; Alex Borg Cardona kien jiehu hsieb il-kumpannija Stivala Wines and Spirits Limited filwaqt li hu kien *sleeping partner*. Semma li xi zmien wara Aquilina kien dahal l-isptar u *ha over* Borg Cardona u sab *rebus* shih, inkluz li kellha djun kbar ma’ Farsons, madwar Lm500,000.

Saru jafu li Farsons kienu ilhom jigru wara Aquilina biex ihallas ghal madwar sentejn. Skoprew li l-*overdraft facility* li kellhom maI-BOV kienet telghet minn Lm100,000 ghal Lm200,000 bl-imghaxijiet ukoll ghaddejjin fuq din il-*facility*. Peress li ma kellhomx likwidita, iddecidew li jillikwidaw liz-zewg kumpanniji.

F’Gunju 1998 ghamlu ftehim ma’ Farsons biex jithallsu l-ammonti indikati. Farsons kien accetta u fil-fehma tieghu hass li Aquilina kien responsabbli u ghalhekk accetta li x-xhud u Stivala jidhlu responsabbli ghad-djun personalment. Farsons ma talabhom ebda garanzija, waqt li lil Aquilina mhux biss dahhlu responsabbli ghad-dejn personalment u flimkien mal-mara tieghu, izda anke talabhom garanzija bil-proprjeta` taghhom.

Fil-frattemp hu u Alex Borg Cardona iffurmaw kumpannija ohra jisimha SBC Operators Limited u dan sabiex din tkun l-agent il-gdid ta’ Farsons. Wara li bieghu diversi oggetti u illikwidaw, kien ghad fadal dejn ma’ Farsons ta’ Lm80,000 li dahlu responsabbli ghalih hu u Alex Borg Cardona personalment. Dan id-dejn dejjem hallsuh.

Farsons eventwalment accetta li hu u Alex Borg Cardona kienu qatghu d-dejn kollu u b’hekk dahlu fiz-zarbun ta' Farsons kontra Aquilina. Ghal dan il-ghan kienu ghanmlu kuntratt ghand in-Nutar Frans Micallef fil-15 ta' Dicembru, 2000. Talbu lil Aquilina u martu sabiex ihallsu sehemhom imma qatt ma hallsu xejn.

Gie pprezentat affidavit ta’ <u>Alex Borg Cardona</u>, fejn semma li flimkien ma’ Alfred Stivala u Joseph Aquilina

kienu ffurmaw il-kumpannija Stivala Wines and Spirits Limited. Snin wara huma ffurmaw kumpannija ohra, cioe` Stivala Distributors Limited, u Joseph Aquilina kien gie fdat li jmexxi din il-kumpannija bhala *Managing Director* mill-bidu nett li din giet iffurmata. Aquilina kellu l-amministrazzjoni ta' din il-kumpannija f'idejh waqt li hu u Alfred Stivala kienu diretturi u azzjonisti mieghu pero` kien imexxi din il-kumpannija hu filwaqt li x-xhud kien jiehu hsieb il-kumpannija Stivala Wines and Spirits Limited.

Wara li Aquilina kien indispost, kienu skoprew li hemm hafna djun ma' Farsons, kif ukoll li l-*overdraft facility* mal-BOV kienet telghet minn Lm100,000 ghal Lm200,000. Iddecidew li jillikwidaw il-kumpaniji u sadanittant Aquilina rkupra. Sar ftehim ma' Farsons fejn ftiehmu kif ghandhom jithallsu l-ammonti hemm indikati. Farsons kien accetta li din is-sitwazzjoni li nholqot bl-operat ta' Joseph Aquilina u filwaqt li accetta li hu u Alfred Stivala jidhlu responsabbli ghad-djun personalment, ma talabhom l-ebda garanzija. Ma ghamilx l-istess ma' Aquilina, ghax mhux biss dahhalhom responsabbli ghad-dejn personalment izda eziga garanzija bil-proprjeta` taghhom u fl-istess kuntratt.

Bieghu l-proprjeta` u llikwidaw il-kumpaniji. Fil-frattemp hu u Alfred Stivala ffurmaw kumpanija ohra jisimha SBC Operators Limited u dan bil-ghan illi din il-kumpannija topera bhala agent gdid ta' Farsons. Kien ghad fadal bilanc ma' Farsons ta' Lm80,000 li ghalih dahlu responsabbli hu u Alfred Stivala personalment. Ghadhom qeghdin ihallsuh lill-bank anke tramite l-profitti taghna mill-kumpannija SBC Operators Limited.

Xehed <u>Godwin Falzon</u> awditur tal-kumpanija Falzon & Falzon u qal li l-kumpanija Falzon & Falzon kienet l-awditur tal-kumpanija Stivala Distributors kif wkoll Stivala Wines & Spirits. Huma waqfu meta l-kumpanija ghamlet avviz lill-MFSA li ser tigi xolta pero` ma setax jghid id-dati ezatt meta kienu. Qal li ma kienux involuti fil-*liquidation accounts*. Semma li kien hemm dejn sostanzjali ma' Simonds Farsons Cisk u ghalhekk kellha tinbigh il-*yard* ghal Lm370,000. Semma li zmien minnhom mill-*accounts*

irrizulta telf qawwi u kien anke talab laqgha mat-tliet diretturi biex jispjegawlu dwar dan.

Semma li meta fl-1998 ippruvaw jagmlu *audit* kien fejm difficli ghax kien hemm *mismanagement* qawwi, karti jigru u hafna problemi li ma setghux jaslu ghalihom.

Xehed Dr. Chris Soler u qal li kien stralcrarju ta' Stivala Distributors Limited. Kien hemm xi problemi fil-kumpanija iktar minn 6 snin ilu u fic-cirkostanzi kien hemm *an extraordinary resolution* ghal *members volountary winding up* li ttiehdet mill-kumpanija. L-isfond taghha kien li kien hemm certu djun sostanzjali. Il-kumpanija ma kenitx serja tajjeb. Kellu informazzjoni li kienet *being grossly mismanaged* u effettivament kien hemm *extraordinary resolution* biex imorru ghal *volountary winding up* u hu nhatar stralcrarju u naturalment qeda d-dmirijiet bhala stralcarju. Semma li kien iltaqa' mal-azzjonijisti, possibbilment mhux kollha u l-informazzjoni l-aktar li giet minn Alex Borg Cardona u kif wkoll is-Sur Stivala.

Zied li kien hemm proprjeta` li nbieghet biex jigu saldati djun, izda mhux kollox gie mhallas, u anke hargu xi flus is-Sur Borg Cardona u s-Sur Stivala sabiex il-pretensjonijiet tal-kredituri jigu saldati. Semma li Ronan Micallef Attard kien ghamel l-*abridged audited accounts* ta' Stivala Distributors Limited. Ma jidhirlux li bhala stralcarju kien hemm min kitiblu dwar *claims*.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Fatti fil-qosor:***

Ir-rikorrent Joseph Aquilina kien azzjonist u direttur fil-kumpanija Stivala Distributors Ltd. li kellha fost ohrajn, agenzja tal-kumpanija Farsons. Fl-1998 ir-rikorrent kellu jmur l-Isptar ghall-kura u r-rwol tieghu f'din il-kumpanija hadu Christopher Borg Cardona it-tifel ta' Alex Borg Cardona, wiehed mill-intimati. F'Gunju 1998 kienet saret kostituzzjoni ta' debitu ghal Lm350,000 kif ukoll inghataw garanziji personali lil Farsons billi dina kellha tiehu minghand Stivala Distributors Ltd. somma flus. Kienet biss il-mara tar-rikorrent li ghamlet din il-garanzija. Fis-sena 2000 il-kumpanija Stivala Distributors Ltd. bieghet

proprjeta` (*yard*) lil Farsons biex hallset parti mid-dejn. Inoltre Stivala u Borg Cardona hallsu wkoll Lm70,000 ghas-saldu ta' dak li kien ghadu dovut lil Farsons u li huma gew surrogati fid-drittijiet ta' Farsons. F'Dicembru 2000, Stivala Distributors Ltd. bieghet lil Stivala Ltd diversi proprjetajiet li minnhom kien hemm rikavat ta' Lm180,000.

Fil-kors tal-kawza r-rikorrent Joseph Aquilina ilmenta li hu ma giex konsultat u nformat b'hafna proceduri fosthom il-bejgh tal-*yard* lil Farsons, u u l-bejgh tal-propjetajiet ghal Lm180,000, u li waqt il-process ta' likwidazzjoni huwa qatt ma gie avvicinat mil-likwidatur tal-kumpanija, la bhala azzjonist u lanqas fir-rigward tal-garanzija personali li kien ghamel. Ir-rikorrent sostna li l-garanzija m'ghadiex valida peress illi dina torbot kumpanija li m'ghadiex tezisti. Ir-rikorrent ilmenta minn hafna affarijiet li fil-fehma tieghu ma mxewx b'mod regolari.

***<u>D2. Talba ta' Aquilina u eccezzjoni ta' Stivala u Borg Cardona:</u>***

Illi f'dina l-kawza r-rikorrenti talab lill-Qorti tiddikkjara li l-ittra ufficcjali intavolata fl-10 ta' Marzu 2010 mill-intimati ma tistax trendi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Gunju, 1998 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini ezegwibbli *ai termini* ta' l-artikolu 256 tal-Kap 12 u dan <u>peress li tali obbligazzjoni ta' garanzija m'ghadhiex tinkombi lir-rikorrent</u>. L-art 256 tal-Kap 12 jghid hekk:

"(1) Kull sentenza oħra definittiva li ma jkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur għal ħlas ta' somma likwida, jew biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara jumejn minn dak in-nhar li tingħata.

(2) L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv ieħor ma tistax issir
ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju."

Dan sostnih u kkwota l-Qorti tal-Appell Inferjuri (PS) fil-kawza **MCE Ltd vs Pickard** deciza fil-10 ta' Marzu, 2004

il-garanzija hi obbligazzjoni accessorja fis-sens li tissussisti sakemm tibqa' fis-sehh l-obbligazzjoni principali. Kompla r-rikorrent li f'dan il-kaz ir-rikorrenti kienu iggarantew id-dejn tad-debitur principali Stivala Distributors Ltd. liema kumpanija pero` llum hija xolta u ghalhekk il-garanzija accessorja ghall-obbligazzjoni principali m'ghadhiex torbot. Sostna li gjaladarba llum ma hemm ebda debitur principali li ghalih irid jaghmel tajjeb il-garanti, ma hemm ebda obbligazzjoni da' parti tar-rikorrenti billi d-debitu m'ghadux jezisti.

Il-kwantita` ta' argumenti li gew prodotti dwar <u>aspetti ohra</u> relevanti ghall-partijiet mhux kompetenza ta' din il-Qorti. Huwa l-obbligu ta' din il-Qorti li tezamina t-talbiet tar-rikorrenti Aquilina u l-eccezzjonijiet ta' l-intimati Stivala u Borg Cardona, izda aspetti ohra m'ghandhomx jigu ezaminati minn din il-Qorti. Jekk xi wahda mill-partijiet hasset ruhha aggravata fuq xi proceduri li graw bejn il-partijiet kien xogholha li tfittex id-drittijiet taghha u mhux tipprova iddahhal dawn l-argumenti mit-tieqa f'din il-kawza.

Ir-rikorrent argumenta li "fil-kaz in ezami d-debitu ma kienx tar-rikorrenti biss izda tad-diretturi kollha. Il-flus li l-intimati hallsu kienu biex jissodisfaw id-dejn tal-kumpanija Stivala Distributors Ltd. li taghha huma ukoll kienu responsabbili." Izda hawn irrizulta li ir-rikorrent gie mitlub ihallas terz ta' l-ammont.

Fil-kaz odjern, sehhet surroga *ex parte creditoris ai termini* ta' l-artikolu 1165 tal-Kap 16 u *cioe`* billi l-intimati Stivala u Borg Cardona hallsu lil Simonds Farsons Cisk p.l.c. is-somma ta' Lm70,000, b'dana li din ta' l-ahhar issurrogat lill-istess intimati personalment fid-drittijiet taghha *qua* kreditur fis-somma hawn imsemmija. Il-validita` tas-surroga qatt ma giet kontestata la mir-rikorrenti u lanqas minn hadd; dan naturalment, ghax din konformi mar-rekwiziti ta' l-artkolu 1165 tal-Kap 16 tal-Ligiiiet ta' Malta. Minhabba li l-intimati hallsu d-dejn, huma dahlu fil-jeddijiet tal-kreditur, limitatament, naturalment, ghall-ammont li huma kienu hallsu, u *cioe`* Lm70,000 (ekwivalenti ghal €163,056.14).

L-intimati ikkwotaw mil-gurista Luigi Tramontano[1]:
"*Il pagamento con surrogazione ricorre quando un terzo estraneo esegue Ia prestazione al posto del debitore, ovvero fornisce a quest'ultimo i mezzi per provvedervi, sostituendosi al creditore originario sia nei diritti che nelle garanzie che questi vantava nei confronti del debitore medesimo.....*
*"La surrogazione nel credito (,..) non comporta l'estinzione del debito originario, ma Ia modificazione soggettiva del rapporto obbligatorio, con la sostituzione di un tero all'originario creditore e senza incidenza sull'aspetto oggettivo del rapporto, con Ia conseguenza che, nonostante il sodisfacimento del creditore mediante il pagamento ad opera del terzo, la struttura del rapporto obbligatorio rimane inalterato ed il debito mantiene Ia sue caratteristiche essenziali, talche', non puo' trasformarsi in debito di valuta se originariamente era de valore*."[2]

Bl-istess mod, l-artikolu 1167 tal-Kap 16 jghid, fost l-ohrajn illi "Is-surroga, sew b'konvenzjoni kemm bis-sahha tal-ligi, ghandha effett sew kontra garanti kemm kontra d-debituri...". Is-surroga, ghalhekk ma testingwix l-obbligi tal-garanti u dan ghaliex il-kreditur surrogat jibqa' dejjem fid-dritt illi jirkupra d-dejn imhallas minnu lill-kreditur principali.

Ghalhekk id-debitu tar-rikorrenti jibqa' wiehed oggettiv u inalterat; kull ma jinbidel huwa biss il-kreditur lil min dan id-debitu jrid jithallas.

Din il-Qorti mhux ser tidhol fl-argumenti bejn il-partijiet illi ma kien hemm l-ebda ghazla ghajr illi din is-socjeta` tigi xolta qabel ma jkollha tigi mgieghla taghmel hekk mill-Qorti, jew li ma kien hemm l-ebda htiega li Stivala Distributors Limited tigi avzata bis-surroga, jew jekk ir-rikorrenti setghux jagixxu *ai termini* tal-provvedimenti

[1] Tramontano, Luigi, 'Codice Civile Spiegato' (CasaEditriceLaTribuna, Nona Edizione, 2010) p 768
[2] Ibid, p 768-769.

relattivi tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta’ liema jitolbu lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpannija Stivala Distributors Limited ikun restitwit fuq ir-registru u li l-istraljc jerga’ jinfetah *entro* t-terminu tal-hames snin mit-thassir tas-socjeta` mir-Registru tal-Kumpanniji, jew illi Simonds Farsons Cisk p.l.c. zammet lir-rikorrenti aktar responsabbli mid-diretturi l-ohra. Dawk huma aspetti li l-partijiet setghu ipprocedew fuqhom separatament u ma jidhlux fil-meritu tal-kawza odjerna.

Li hu zgur hu li kemm-il darba l-Ligi riedet illi li fin-nuqqas ta’ ezistenza tad-debitur principali, il-garanti jigi ezonerat mill-obbligi tieghu, dan kienet tghidu; *ubi lex voluit, lex dixit*. Il-principji ta’ l-estinzjoni tal-garanziji huma dettaljatament imsemmija fl-artikolu 1956 *et seq*. Lanqas ma sehhet liberazzjoni tal-garanzija maghmula ghaliex sar il-hlas mid-debitur principali.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Stivala u Borg Cardona, u naturalment tichad it-talba attrici ta’ Aquilina.

Spejjez kontra r-rikorrenti Aquilina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------